MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 70/2004

**Alfred SCIBERRAS**

**vs**

**Walter STEEL**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li l-imħarrek jinstab ħati li ħabat għalih u darbu b'daqqa ta' sikkina waqt inċident li seħħ fis-17 t'Awissu, 2003, u li għalhekk jaħti għad-danni li ġarrab l-attur. Talab il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tad-danni likwidati;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2004, li fih tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi;
Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-14 ta' Settembru, 2004, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi

qal li hu ma jaħti bl-ebda mod għal dak li allegatament ġara. Għalhekk, jgħid li m'għandu l-ebda danni xi jħallas lill-attur;

Rat id-degriet kamerali tagħha tat-30 ta' Novembru, 2004, li bih qegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi ta' qabel is-seduta, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet waqt l-imsemmija seduti, magħduda magħhom il-provi dokumentali dwar il-każ;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2005, li bih qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ għat-trattazzjoni għas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2006;

Rat li l-avukati tal-partijiet kienu notifikati kif imiss bl-imsemmi degriet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukat tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar danni mġarrba waqt inċident li fih l-attur qala' daqqa ta' sikkina li ħallietlu ġrieħi li ma jfiqux. Huwa qiegħed jitlob kumpens mingħand l-imħarrek li huwa jqis li kien jaħti għal dak l-inċident;

Illi l-imħarrek jiċħad li huwa kien jaħti għal dak li seħħ, u jgħid li m'għandux għalfejn jagħmel tajjeb lill-attur għal dak li ġralu;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li għall-ħabta tat-8.15 ta' filgħaxija ta' nhar il-Ħadd, 17 ta' Awissu, 2003, inqala' inċident fi Triq l-Immakulata, Bormla. Dak il-ħin, Frans Abela kien qiegħed jipprova jipparkja l-karozza tiegħu qrib id-dar tiegħu, quddiem id-dar tal-imħarrek. Mart l-imħarrek ma riditux[1]. Inqala' argument bejn iż-żewġ familji, u l-imħarrek u Frans Abela ġew fl-idejn. L-attur sema' l-għajjat mid-dar tiegħu u ħareġ jara x'kien qed jiġri. Malli ttawwal mill-gallarija u ra t-taqbida, niżel jiġri biex iferraqhom. Flimkien ma' oħrajn, seħħilhom jifirqu liż-żewġt irġiel u l-inċident kien għoddu tberred. L-imħarrek daħal f'daru, imma reġa' ħareġ ftit tal-ħin wara b'sikkina f'idu, u reġa' ġera lejn Frans Abela jxejjer is-sikkina f'idu. L-attur intlaqat bis-sikkina fi driegħu x-xellugi. Is-sikkina nifditlu d-drigħ. L-imħarrek u martu, u Frans Abela u martu lkoll ġarrbu xi ġrieħi li ma kinux gravi;

Illi l-attur ittieħed l-isptar biex jiddewwa u nżamm hemm għax il-ġerħa tqieset bħala waħda gravi. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek inżamm mill-Pulizija għall-istħarriġ u għamel żewġ stqarrijiet, waħda dak inhar stess[2] u l-oħra jumejn wara[3]. Sadattant, l-attur saritlu operazzjoni u ntbagħat id-dar jumejn wara l-inċident. L-attur kellu jieqaf mix-xogħol għal madwar tlitt (3) xhur. L-attur kellu erbgħa u erbgħin (44) sena meta seħħ l-inċident u kien jaħdem mad-Dipartiment tad-Drenaġġ bi dħul gross ta' Lm 5476 fis-sena. Il-kawża nfetħet f'Jannar tal-2004;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar ir-responsabbilta' ta' dak li seħħ. Ma hemm l-ebda dubju li l-inċident seħħ, iżda bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu qribhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir

[1] Dok "AS2", f'paġ. 17 tal-proċess
[2] Dok "DM", f'paġ. 71-3 tal-proċess
[3] Dok "DM1", f'paġġ. 74-5 tal-proċess

tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha toħroġ ċirkostanza partikolari u ta' siwi kbir għad-determinazzjoni tal-ħtija. Din iċ-ċirkostanza hi li l-ġlieda kienet bejn l-imħarrek u l-familja tiegħu fuq naħa waħda u Frans Abela u l-familja tiegħu fuq naħa oħra. F'din il-biċċa, l-attur kien indaħal (bħalma għamlu xi qlub twajbin oħrajn li nzertaw fl-inħawi dak il-ħin) biss bil-ħsieb li jferraq lil dawk li kienu mqabdin f'xulxin. L-attur ma kienx la l-provokatur tal-ġlieda u lanqas wieħed milli kebbes biex il-qiegħa tisħon. Għall-kuntrarju, jidher li, għal xi ħin, il-ġellieda kienu tferrqu u l-ġrajja kienet sejra tiskot. Għall-Qorti, din iċ-ċirkostanza tgħodd ħafna biex taqla' lill-attur minn kull xilja ta' kontributorjeta' fil-ħsara li huwa ġarrab;

Illi għalhekk ma jidhirx meħtieġ li l-Qorti għandha għalfejn tistħarreġ dwar min beda l-ġlieda u dan għaliex il-waqt li fih l-attur indarab kien f'fażi meta l-ġlieda kienet marret lil hinn mill-kawża oriġinali tagħha. Iżda jkun tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-inċident beda minħabba li Frans Abela ried jipparkja l-karozza tiegħu f'*parking bay* li jiġi sewwasew quddiem il-bieb tad-dar tal-imħarrek, u fejn, dak il-ħin, kien hemm bilqegħda mart l-imħarrek u bintu għall-affari tagħhom. Iżda mart l-imħarrek ma riditux jipparkja hemm. Tajjeb jew ħażin, Abela deherlu li kellu kull jedd li jħalli l-karozza tiegħu hemm u baqa' sa ma għamel hekk. Minn dak il-ħin 'il quddiem beda l-għajjat u l-qiegħa xegħlet fi ftit ħin f'dagħdigħa fejn kull min ġie f'idejn xi ħadd sar vittma ta' tgħajjir u swat. Kemm hu hekk, kull min kien involut qal li ġarrab xi ġrieħi;

Illi l-Qorti qieset sewwa l-provi mressqa. Mill-provi li wieħed jista' joqgħod fuqhom joħroġ li, f'xi ħin, l-imħarrek tassew kellu sikkina f'idu u resaq biha lejn Abela, jperpirha fl-arja biex inaffar dak li qies li kien attakk sfrenat fuq martu u bintu. Għalkemm waqt din il-kawża, l-imħarrek bħal donnu jipprova joħloq dubju jekk kienx tassew qabad sikkina (filwaqt li martu tiċħad għal kollox li dak inhar rat lil

żewġha b'xi sikkina f'idu), jirriżulta b'mod ċert li dik is-sikkina kienet intużat u li kienet f'id l-imħarrek sa ma l-attur intlaqat biha u ndarab. Il-Qorti tagħti affidament qawwi lill-istqarrija magħmula mill-imħarrek innifsu jumejn wara l-inċident fejn, minn rajh u żgur wara li kien ikkalma biżżejjed minn dik il-ġrajja kerha biex seta' jkun jaf x'qiegħed jgħid, stqarr li fil-ġlieda kien inqeda b'sikkina biex jipproteġi lil familtu mill-aggressjoni li f'dak il-waqt ta' tensjoni kien qiegħed jara quddiem għajnejh. Waqt ix-xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, mbagħad, għalkemm ma jiddikjarax kategorikament li huwa tassew kien ħareġ bis-sikkina mid-dar, lanqas ma miera dak li kien mar jgħid lill-pulizija fi żmien qrib l-episodju. Minbarra f'dan, stqarr li hu ma kellux qatt x'jgħid fl-attur u talab skuża għal dak li seta' ġralu;

Illi l-liġi[4] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta' tal-għamil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għamil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[5]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[6]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għamil doluż jew kolpuż[7];

Illi ingħad li l-ħsara kaġunata waqt ġlieda m'hijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għamil kriminuż vera u proprju li għaliha japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali[8];

Illi l-imħarrek jidher li jsejjes id-difiża tiegħu fuq il-provokazzjoni, jew aħjar id-dagħdigħa tal-mument (magħrufa bħala l-*calor rixae*). Biex isseħħ din id-difiża, ukoll fil-qasam ta' azzjoni ċivili għad-danni, jrid jintwera li

---

[4] Art. 1031 tal-Kap 16
[5] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[6] Art. 1033 tal-Kap 16
[7] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[8] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **XL.i.376**)

jrid ikun hemm grad xieraq ta' proporzjonalita' bejn l-għamil meqjus provokatorju u l-għamil li jnissel il-ħsara[9]. Fil-każ tal-lum, din il-proporzjonalita' ma teżistix. Dan jingħad għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok, l-attur la kien armat u lanqas kien il-persuna li b'xi mod kien qiegħed jhedded lill-imħarrek. Fit-tieni lok, l-imħarrek jidher li ddaħħal id-dar u mar iġib is-sikkina wara li kien diġa' ġie mferraq mill-attakk ta' Frans Abela. F'dak il-waqt, ma setax jingħad li kien għad hemm il-provokazzjoni, iżda l-imħarrek xorta waħda deherlu li ried iwarrab attakk li kien diġa' twaqqaf bl-għajnuna wkoll ta' terzi;

Illi, minħabba f'dan, lanqas jista' jingħad li l-imħarrek jista' jistkenn wara l-iskuża tal-għamil aċċidentali jew tal-forza maġġuri[10], billi jgħid li huwa għamel li għamel minħabba difiża leġittima. Dan għaliex huwa magħruf li l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża, li hija mibnija fuq l-aspett li l-ġrajja ma kinux evitabbli, ma toqgħodx flimkien mad-difiża tal-provokazzjoni[11];

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u fid-dawl tal-prinċipji applikabbli, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek kien jaħti għall-ġrieħi li ġarrab l-attur u li l-istess ġrieħi kienu l-konsegwenza diretta tal-għamil tal-imħarrek;

Illi għar-rigward tal-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tqis li l-provi kollha mressqa jiċċentraw fuq il-ġlieda fiha nfisha u l-interventi kirurġiċi li kellu jgħaddi minnhom l-attur. Minkejja li, waqt is-smigħ tas-17 ta' Marzu, 2005[12], l-għaref difensur tal-attur kien iddikjara li kellu jressaq xi provi dokumentali għall-finijiet tal-prova dwar id-danni maħsuba (*lucrum cessans*), tali provi ma jidhirx li qatt tressqu. Minħabba li ma ġiex reklamat dannu attwali (*damnum emergens*), jista' għalhekk jingħad li l-atti huma sajmin minn provi attendibbli dwar it-telf mistenni;

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar għaqli li tillimita din is-sentenza għall-kwestjoni tar-

---

[9] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Carbonara pro et noe vs Mark Julian Ryan et***

[10] Art. 1929 tal-Kap 16

[11] P.A. NC **13.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Norbert Farruġia vs John Faruġia et***

[12] Paġ. 70 tal-proċess

responsabbilta' tal-inċident u tħalli l-kawża għall-provi u t-trattazzjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni mġarrba u l-ħsara jew id-debilita' li l-attur tassew ġarrab fl-inċident. F'dan il-waqt ukoll, il-Qorti tawspika li din is-sentenza sservi ta' stimolu li tħajjar lill-partijiet jagħmlu tentattiv biex dan il-proċess jaslu għalih bonarjament bi qbil bejniethom;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi,** bl-ispejjeż kontra l-imħarrek u tiddikjara li hu jaħti għall-inċident li seħħ f'Bormla, fis-17 ta' Awissu, 2003, meta darab lill-attur b'sikkina fi drieghu u kkawżalu ġrieħi li ħallew ħsara li ma titfejjaqx għal kollox fl-istess attur;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tħalli l-kawża** għall-provi dwar il-likwidazzjoni tad-danni għall-finijiet tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------